FONTANA

Minuti tad-disa` laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret b`urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 24 ta` Novembru 2008 fit-8.15 ta` filgħodu.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba.

Is-Sindku beda billi spjega għalfejn saret din il-laqgħa b`urġenza. Huwa qal illi peress li l-Viċi-Sindku ser ikun imsiefer meta kienet proposta li ssir il-laqgħa huwa sejjaħ din il-laqgħa b`urġenza.

**<u>Kummenti għar-Riforma tal-Kunsilli Lokali</u>**

Is-Sindku għadda lill-Kunsill lista bil-kummenti għar-riforma tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel u ser jgħaddi dawn il-kummenti lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni:

- Il-Kunsill ikollu Sindku *full-time;*
- Rimunerazzjoni lill-Kunsilliera;
- Ħlas għall-għeluq tat-toroq ma jibqax €2.33 iżda jiżdied biex ikopri l-ispejjeż;
- Għandhom jingħataw fondi lill-Kunsill peress li ma niħdux mill-Awtorita` tad-Djar bħall-Kunsilli oħra minħabba l-fatt li m`għandniex *Home Ownership Scheme*;
- Elezzjoni kull erba` snin;
- Jiġi speċifikat fil-Liġi min jista` jikkontesta l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali;
- Jiġi rranġat l-iżball li hemm fi Triq Għar Għerduf minkejja li parti minn din it-triq hija mal-konfini tal-Fontana r-residenti huma rreġistrati fir-Reġistru Elettorali tal-Belt Victoria;
- Twaqqif ta` Kunsill Reġjonali għal Għawdex;
- Applikazzjonijiet tal-Kunsill Lokali jingħataw preċedenza mill-MEPA u mill-A.D.T. ;
- Riforma fis-sistema ta` l-Infurzar Lokali;
- Allokazzjoni separata biex il-Kunsill ikun jista` jgħin lill-għaqdiet;

- Tingħata allokazzjoni lill-Kunsill peress li ħafna barranin jagħmlu użu mil-Fontana eżempju Triq tal-Għajn in-naħa ta` fuq u Pjazza l-Għejjun kif ukoll jagħmlu użu mill-Uffiċċju tal-Kunsill eżempju ħlas ta` kirjiet u *tickets*.

**Is-Sagra ta` Sant`Andrija**

Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Kevin Sciberras u mas-Sur Charlie Zammit tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar l-attivitajiet li għandhom isiru fil-*weekends* f`Għawdex minn diversi Kunsilli Lokali fuq proposta tas-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku. Għal-lokal tal-Fontana ġie deċiż il-*weekend* ta` bejn is-27 u d-29 ta` Novembru 2009 fejn fil-parroċċa tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa ta` Sant`Andrija u jkun ukoll għeluq il-mitt sena ta` l-istatwa. F`din il-laqgħa ġie deċiż illi l-isem ta` din l-attivita` tkun 'Is-Sagra Sant`Andrija'. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi għadda dawn il-proposti lill-Amministrattur Parrokkjali fejn infurmah li l-Kunsill Presbiterjali qabel. Il-Kunsill iddiskuta din l-attivita` u qabel ma dan il-programm:

Ġimgħa - Ikla tradizzjonali tal-ħut u serata folkloristika

Tintrema` tinda fi Triq Għajn Tuta

Issir mixgħela bix-xemgħa fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq tal-Għajn

Sibt - *Guided tours (morning country walks)* mal-lokalita` u fil-Knisja Parrokkjali

Tingħata spjegazzjoni dwar il-pittura tal-Knisja mill-artist Paul Camilleri Cauchi

Wara dawn it-*tours* isir kunċert fil-Knisja

Filgħaxija tittella` l-Ballata 'L-Għanja tas-Sajjied' (għandu jiġi avviċinat George Mizzi)

Logħob tan-nar

Ħadd - Wara l-Pontifikal ta` filgħodu *re-enactment* tal-wasla tal-Kardinal La Fontaine li jinżel min Pjazza Sant` Wistin sal-Knisja

Filgħaxija l-Purċissjoni ta` Sant`Andrija

Tiġi mistiedna banda.

Is-Sindku qal ili il-programm t`attivitajiet għal sena ser jitqassam mis-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu. Il-Viċi-Sindku qal illi l-Ministeru għal Għawdex ser joffri €5000

bejn il-Kunsilli Lokali Għawdxin għas-*sound* u d-dawl ta` dawn l-attivitajiet. Is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni ser joffri €4000 lil kull Kunsill, li jikkonsisti f`kiri ta` tinda. Il-Kunsill qabel illi jekk ma jkunx hemm dawn l-għajnuniet ma jkunx possibbli li din l-attivita` ssir mill-fondi tiegħu.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta` filgħodu. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 30 ta` Diċembru 2008 fis-1.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |